MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2005

Talba Numru. 2269/2004

**Mirage Holdings Limited (C 6808)**

**Vs**

**Arthur Balzan**

## It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mitejn u tmienja u sittin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm268.54c) in kwantu ghall-ammont ta' mitejn u hamsa w erbghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm245.54c) bhala prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata, u in kwantu ghall-ammont ta' tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23) bhala imghax bir-rata legali fuq l-istess.

Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta’ Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------